**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 03/18**
**Data:** It-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018
**Ħin:** 4:43 PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

ŻEJTUN
Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Claude Camilleri - Kunsillier (sal-5:15pm)
Dorcas Camilleri - Kunsillier
Joan Agius - Kunsilliera
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**
Joseph Hales - Kunsillier
Amanda Abela - Kunsilliera

**AĠENDA**

**03.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
**03.02** **Ġieh iż-Żejtun**
**01.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**
**01.04** **Affarijiet oħra; u**
**01.05** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**03. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa minħabba impenji oħra (imejl annessa) | |
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela ma setax tattendi għal laqgħa minħabba impenji ta' xogħol (imejl annessa) | |

**03. 2. Ġieh iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 1 | | Chircop: Nominazzjonijiet għal Ġieh iż-Żejtun | Is-Sur Chircop ippreżenta quddiem il-Kunsill il-ħames nominazzjonijiet li irċieva għal Ġieh iż-Żejtun. In-nominati kienu: Żewġ nomini lill-Kunsilliera Joan Agius, Dun Anġ Seychell, Anthony Spagnol u Ċensu Cumbo. Chircop qara l-lista ta' regoli. Ċensu Cumbo ġie eliminat minħabba li ġie innominat mill-Kunsilliera Joan Agius u dan imur kontra r-regoli. Joan Agius irringrazzjat lil min inomina u talbet li n-nominazzjonijiet tagħha jiġu mwaqqa, peress li hi tagħmel parti mill-Kunsill. Is-Sindku qrat il-profili kif ippreżentati fuq il-formoli tal-applikazzjonijiet. B'mod unanimu ġie magħżul Dun Anġ Seychell peress li dan kien diġa ingħata rikonoxximent fuq bażi nazzjonali. | Chircop |
| 03. 2. 2 | | Kunsill: Emendi fir-regoli | Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li fir-regoli għandha tiżdied emenda li Kunsilliera ma' jistawx jiġu innominati. | Chircop |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 3 | | Chircop: Rikonoxximenti | Ġie maqbul li għandhom jingħataw rikonoxximenti lil dawn il-persuni f'dawn l-erba' kategoriji:<br>1) Kultura: Norbert Gatt<br>2) Sport: Is-Sur Scott Muscat<br>3) Anzjan Attiv: Is-Sinjura Antoinette Camilleri<br>4) Żagħżugħ: Is-Sur Christian Caruana | |

**03 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 3 1 | | Sindku: Beland Music Festival | Is-Sindku informat lill-Kunsill li tkellmet mas-Sur Anton Aquilina dwar possibiltajiet f'toroq oħra bħal Triq Ħaż Żabbar. Dan qal li fejn qed jiġi ssuġeriet hemm problema għal provista tad-dawl. Saret diskussjoni dwar dan u ġie maqbul li għandha issir lista ta' kundizzjonijiet marbuta ma' dan l-avveniment. Dawn huma, li jiġi provdut parkeġġ adekwat u jsir *park and ride,* isir fl-area fejn jarma s-suq, jitnaddaf il-post wara kull attivita', jinżammu l-ħinijiet maqbula u ikun hemm aċċess għat-toroq tal-madwar u li ma jeċċediex it-tlett ijiem. | Sindku |
| 03 3 2 | | Caruana: Overhead crossings fi Triq Alfredo Cachia Zammit | Caruana qal li hemm xi residenti li oġġezzjonaw li l-*cables* li qed jaqsmu t-triq jitnizzlu min taħt l-art u jitilgħu mal-faċċati tagħhom. Saret diskussjoni dwar dan u ser isiru diskussjonijiet mal-Enemalta sabiex naraw jekk tistax tinstab soluzzjoni. | Sindku |

**03 4 Affarijiet oħra; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 4 1 | | Chircop: L-Aħħar Ċena | Chircop informa l-Kunsill li ser titella' l-aħħar ċena *live* fiċ-Ċentru tal-Arti u Artiġjanat għal nhar Ħadd il-Palm filgħodu, l-Erbgħa ta' Tniebri filgħaxija, Ħamis ix-Xirka filgħaxija u l-Ġimgħa l-Kbira filgħodu. Dħul b'xejn. | Chircop |
| 03 4 2 | | Dorcas C: Tberik u tqassim tal-figolli | Camilleri informat lill-Kunsill li ser isir t-tberik u t-tqassim tal-figolli lill-persuni b'diżabilita' f'Jum l-Għid. | Camilleri D |
| 03 4 3 | | Chircop: Fuljett tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa | Chircop qal li ser jerġa jinħareġ il-fuljett informattiv dwar il-wirijet imtella' fiż-Żejtun. | Chircop |
| 03 4 4 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li s-serata ta' Ġieh iż-Żejtun ser issir it-Tnejn, 19 ta' Marzu fis-Sala Parrokjali. | Chircop |
| 03 4 5 | | Agius: Ħarġiet tal-Kids Club | Agius qalet li ser isiru l-ħarġiet tal-Kids Club għal żmien l-Għid. | Agius |
| 03 4 6 | | Agius: 7 Visti | Agius infurmat lill-Kunsill li għal sena oħra ser isiru s-7 visti nhar Ħamis ix-Xirka. | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 4 | 7 | Sindku: Festa ta' San Girgor | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa ma' Caroline Agius minn Festivals Malta fejn iddiskutew l-attivita' għal festa ta' San Girgor li ser terġa issir bħas-sena li għaddiet. Agius qalet li ser jerġaw jilbsu t-tfal bil-kostumi u ser isir logħob tradizzjonali kif ukoll jintramaw *stalls*. Qed isiru wkoll diskussjonijiet sabiex jinħietu sett pavaljuni għal mal-gallariji. Ġie maqbul li dawn għandhom ikunu ħomor b'salib tal-Kavallieri. | Sindku / Agius |
| 03 | 4 | 8 | Chircop / Viċi-Sindku: Youth Exchange | Infurmaw lill-Kunsill li l-*Youth Exchange* ser tkun qed issir bejn il-25 u l-31 ta' Marzu b'parteċipanti mill-Bulgarija, Polonja u Latvija. | Chircop / Viċi-Sindku |
| 03 | 4 | 9 | Viċi-Sindku: Attivita' Sportiva | Fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill taż-Żejtun, se tkun qed tittella' attivita' sportiva b'kollaborazzjoni mal-*Youth Football Association* u *ż-Żejtun Corinthians Youth Nursery* bil-parteċipazzjoni ta' 'l fuq minn 200 tifel u tifla minn bosta klabbs minn madwar Malta. Barra l-logħba tal-futbol, it-tfal ser jingħaqdu f'diversi attivitajiet kemm kulturali fejn ser iduru mal-lokal permezz tal-*fun train*, kif ukoll kreattivi fejn flimkien ser iżejnu banner ikkulurit li jimmarka l-għaqda permezz tal-isport. L-attivita' ser issir fil-grawnd taż-Żejtun Corinthians FC nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu bejn it-8am u s-1.30pm. | Viċi-Sindku |
| 03 | 4 | 10 | Chircop: Fondi għas-cd Zejtun 5.37km | Chircop informa lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' Dr Clifton Grima, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji fejn infurmah li ser ningħataw fondi sabiex terġa ssir s-cd informattiva u tkun tista' titqassam b'xejn lit-tfal tal-iskola. | Chircop |
| 03 | 4 | 11 | Sindku: Skola Sekondarja Żejtun | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u s-Sur Mario Calleja, Sindku ta' Marsaskala. Din infurmathom li fl-iskola sekondarja taż-Żejtun ser isir żvilupp ta' sular ġdid fuq kull blokka eżistenti. Dan ser jaffetwa l-istudenti tal-ewwel sena sekondarja tas-sena skolastika 2018/2019. Dawn l-istudenti ser jiġu rilokati fl-iskola tal-Handaq sakemm isir dan ix-xogħol li għandu jitlesta sal-2020. Ġew ukoll ġenituri jitkellmu mas-Sindku l-Kunsill, sabiex juru tħassib tagħhom dwar dan it-tibdil. Qed tara kif tista' tgħin biex jintlaħaq ftehim. | Sindku |
| 03 | 4 | 12 | Viċi-Sindku: Pagamenti relatati mal-Erasmus + Project | B'referenza għal proġett tal-Erasmus+ li ser isir fi ftit tal-jiem oħra u minħabba l-urġenza tagħhom, il-Kunsill approva pagamenti ta' €4,911.20 b'ċekk, €4637.70 u €4121.44 bi transfers bankarji. | |

**03 5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Il-Viċi-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 2 ta' April 2018, fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |